DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1207

tad-19 ta' Lulju 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2003/77/KE li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Sabiex tkun newtrali għall-klima sal-2050, l-Unjoni teħtieġ "klima u riżorsi minn ta' quddiem" biex tiżviluppa l-ewwel applikazzjonijiet kummerċjali ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji f'setturi industrijali ewlenin sal-2030, u proċess ta' produzzjoni tal-azzar b'żero emissjonijiet ta' karbonju sal-2030.

(2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE ([2]), il-Kummissjoni għandha tamministra l-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar b'tali mod li tiżgura redditu fit-tul. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77/KE ([3]) tistabbilixxi l-linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni ta' dawn l-assi. Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2003/77/KE, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina jew tissupplimenta dawk il-linji gwida u terġa' tivvaluta l-operat u l-effikaċja tagħhom.

(3) Sabiex jiġi pprovdut appoġġ sinifikanti għal proġetti ta' riċerka kollaborattiva siewja li jkollhom il-massa kritika u l-valur miżjud tal-Unjoni biex itejbu s-sostenibbiltà, il-kompetittività, is-saħħa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar, jeħtieġ li jiġi żgurat li jiġu pprovduti l-pagamenti relatati mal-allokazzjoni annwali definita u stabbilita fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2003/76/KE sal-2027 biex jiġu ffinanzjati dawn il-proġetti. Jenħtieġ li dawn il-pagamenti jiġu ffinanzjati mid-dħul nett mill-investimenti u mid-dħul iġġenerat mill-bejgħ ta' parti mill-assi sal-ammont annwali stabbilit mis-servizz dežinjat tal-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2003/76/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE ([4]).

(4) L-esperjenza miksuba fil-perijodu ta' ħames snin l-aktar reċenti tal-implimentazzjoni tal-linji gwida finanzjarji (2012–2017) u l-iżviluppi fil-kundizzjonijiet tas-swieq finanzjarji juru l-ħtieġa li dawn il-linji gwida jiġu adattati.

(5) Jenħtieġ li l-assi li jifdal wara l-ġbid sal-2027 b'rabta mal-allokazzjoni annwali stabbilita bid-Deċiżjoni 2003/76/KE jiġu amministrati fuq il-bażi ta' orizzont tal-investiment fit-tul, li jippermetti aktar diversifikazzjoni.

([1]) L-opinjoni tas-7 ta' Lulju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 25).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130 20.5.2008, p. 7).

(6) Bħala medja, l-investiment ta' parti kbira tal-assi għal perijodu twil huwa konsistenti mal-istennija ta' redditi ogħla, b'kont meħud tal-possibbiltà ta' fluttwazzjonijiet miżjuda fuq perijodu ta' żmien qasir. Minkejja dan, jenħtieġ li l-investimenti jimmiraw li jiżguraw ammont suffiċjenti ta' assi likwidi għall-pagamenti annwali mitluba mis-servizz dežinjat tal-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjonijiet 2003/76/KE u 2008/376/KE.

(7) Il-linji gwida finanzjarji jenħtieġ li jippermettu approċċ aktar flessibbli fir-rigward tal-aspetti tekniċi tal-implimentazzjoni u jenħtieġ li jiddeterminaw strumenti tal-investiment xierqa biex jiksbu l-objettivi tal-investiment.

(8) Jenħtieġ li kull klassi tal-assi ma titqiesx waħedha, iżda bir-rwol tagħha f'portafoll diversifikat. Storikament, id-diversifikazzjoni bejn il-klassijiet tal-assi twassal għal iżjed redditi bl-istess livell ta' riskju. Il-korrelazzjoni bejn l-assi hija importanti fit-teħid ta' deċiżjonijiet b'rabta mal-allokazzjoni tal-assi fil-kuntest tar-riskju ta' investiment ġenerali u r-redditu.

(9) L-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar jenħtieġ li jiġu amministrati fuq il-bażi ta' strateġija tal-investiment espressa fil-forma ta' allokazzjoni strateġika tal-assi u parametru referenzjarju strateġiku, b'riflessjoni tal-objettivi tal-investiment u t-tolleranza tar-riskju tal-assi. Il-parametru referenzjarju jipprovdi gwida għall-investiment ta' terminu twil lill-maniġers tal-portafolli, fil-forma ta' allokazzjonijiet lil klassijiet tal-assi differenti.

(10) Il-linji gwida finanzjarji jenħtieġ li jippermettu investimenti f'bonds likwidi ħafna denominati f'dollari Amerikani, maħruġa minn entitajiet sovrani, supranazzjonali, sottosovrani u aġenziji tal-gvern, biex itejbu d-diversifikazzjoni, filwaqt li jiġu ħħeġġjati – sal-limitu xieraq – ir-riskji tat-telf minħabba l-fluttwazzjoni tar-rata tal-kambju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi, bi qbil mal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, dwar investimenti f'assi oħra li huma denominati f'muniti ta' ekonomiji avvanzati oħra jew ta' Stati Membri oħra. Jenħtieġ li dawn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq dimostrazzjoni sostanzjata b'mod sħiħ tal-vantaġġi tal-investiment inkwistjoni għall-prestazzjoni tal-assi. Jenħtieġ li l-linji gwida finanzjarji jwessgħu l-ambitu tal-investimenti eliġibbli biex joffru l-possibbiltà ta' skopertura diversifikata għal indiċijiet wiesgħa tas-suq, ċerti setturi ġeografiċi u klassijiet tal-assi partikolari.

(11) Jenħtieġ li l-linji gwida finanzjarji jippermettu strumenti finanzjarji oħra, bħal kuntratti tal-futuri, kuntratti forward u swaps biex jiġu ġestiti r-riskji u l-iskoperturi bħar-riskju tar-rata tal-imgħax u tal-kambju.

(12) Il-karatteristiċi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG, *environmental, social and governance*) ta' investiment dejjem qed isiru aktar importanti u jenħtieġ li jitqiesu fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-investiment. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2003/77/KE tiġi emendata biex jiġu introdotti l-karatteristiċi ESG bl-inklużjoni ta' skrinjar pożittiv li jiffavorixxi l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ESG fl-għażla tal-investimenti, u skrinjar negattiv li fih lista ta' attivitajiet esklużi, għal raġunijiet etiċi jew morali, għall-finijiet ta' investimenti tat-teżor.

(13) Jenħtieġ li r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar imwettqa fil-qafas tal-linji gwida finanzjarji, ikun jipprovdi informazzjoni dwar l-allokazzjoni fil-klassijiet tal-assi differenti. Jenħtieġ li r-rapport annwali jispjega kwalunkwe bidla kbira fl-allokazzjoni strateġika tal-assi.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2003/77/KE tiġi emendata skont dan.

(15) Fid-dawl tal-konnessjoni strutturali mad-Deċiżjoni 2003/76/KE, din l-emenda jenħtieġ li tapplika biss mid-data li fiha tibda tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1208 ([5]),

([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1208 tad-19 ta' Lulju 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2003/76/KE li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ara paġna 54 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/77/KE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 1a

L-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar għandhom ikunu amministrati biex jipprovdu pagamenti annwali fil-limiti tal-allokazzjoni annwali ta' EUR 111-il miljun għall-finanzjament ta' riċerka kollaborattiva fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar. Il-pagamenti annwali għandhom jiġu ffinanzjati mid-dħul nett mill-investimenti u mid-dħul iġġenerat mill-bejgħ ta' parti mill-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, sal-ammont annwali stabbilit mis-servizz dejn tal-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2003/76/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE (*).

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130 20.5.2008, p. 7).";

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data li fiha tibda tapplika d-Deċiżjoni (UE) 2021/1208.

Magħmul fi Brussell, i Brussell, id-19 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PODGORŠEK

ANNESS

Linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar

1. UŻU TAL-FONDI

L-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni, inklużi kemm il-portafoll ta' self tagħha u l-investimenti tagħha, għandhom jintużaw kif meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet li jifdal tal-KEFA, f'termini ta' self pendenti, tal-impenji tagħha li jirriżultaw mill-baġits operattivi preċedenti, u kull obbligazzjoni li ma hijiex prevista.

Sal-limitu li l-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar ma jkunux meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet kif deskritti fl-ewwel subparagrafu, dawk l-assi għandhom jiġu investiti b'mod prudenti f'konformità mal-orizzont tal-investiment magħżul biex jinkisbu redditi li jistgħu jintużaw biex tkompli tiġi ffinanzjata r-riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar.

L-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar għandhom jintużaw biex jipprovdu pagamenti annwali fil-limiti tal-allokazzjoni annwali ta' EUR 111-il miljun għar-riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar. Dawk il-pagamenti għandhom jiġu ġġenerati mid-dħul nett mill-investimenti. Fejn dak id-dħul nett ikun insuffiċjenti biex tiġi onorata l-allokazzjoni annwali, dan għandu jiġu ssupplimentat bid-dħul iġġenerat mill-bejgħ ta' parti mill-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Wara l-2027, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar għandhom jiġu investiti b'tali mod li jipprovdu dħul li jista' jintuża biex tiġi ffinanzjata l-kontinwazzjoni tar-riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar.

2. ORIZZONT TAL-INVESTIMENT, OBJETTIV U TOLLERANZA TAR-RISKJU

L-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, għandhom jiġu investiti bl-objettiv li jiġi ppreservat u, fejn possibbli, jittejjeb il-valur ta' dawk l-assi (l-"objettiv tal-investiment"). L-objettiv tal-investiment għandu jiġi segwit matul l-orizzont tal-investiment, u jitwassal b'livell ta' affidabbiltà għoli.

L-assi għandhom jiġu amministrati f'konformità mar-regoli prudenzjali u mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

L-objettiv tal-investiment għandu jkun moqdi permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġija tal-investiment prudenti fuq il-bażi ta' grad għoli ta' diversifikazzjoni fost il-klassijiet tal-assi eliġibbli, żoni ġeografiċi, emittenti u maturitajiet (l-"istrateġija tal-investiment"). L-istrateġija tal-investiment għandha tiġi stipulata billi jitqies l-orizzont tal-investiment u b'mod li jiġi żgurat li l-fondi neċessarji jkunu disponibbli f'forma likwida biżżejjed kif u meta meħtieġ.

L-istrateġija tal-investiment għandha tiġi espressa fil-forma ta' allokazzjoni strateġika tal-assi, li għandha tistabbilixxi l-allokazzjonijiet indikattivi fil-mira għal kategoriji differenti ta' assi finanzjarji eliġibbli.

Il-Kummissjoni għandha tirrifletti l-allokazzjoni strateġika tal-assi f'parametru referenzjarju strateġiku (il-"parametru referenzjarju"), li miegħu għandha titqabbel il-prestazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, tal-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar.

L-istrateġija tal-investiment u l-parametru referenzjarju għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni u maqbula mal-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-uffiċjali awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni.

L-istrateġija tal-investiment u l-parametru referenzjarju jistgħu jiġu mmodifikati mill-Kummissjoni f'każ ta' bidla debitament ddokumentata u motivata fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, bidla sostanzjali fil-ħtiġijiet u fis-sitwazzjoni tal-istrumenti ta' kontribuzzjoni jew bidla sinifikanti fl-istimi tal-flussi tad-dħul/tal-ħruġ. Il-proċedura għal modifika tal-istrateġija ta' investiment għandha tkun l-istess bħal dik għall-adozzjoni inizjali tagħha.

L-istrateġija tal-investiment għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies l-orizzont tal-investiment u t-tolleranza tar-riskju tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, tal-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar.

3. PRINĊIPJI TAL-ALLOKAZZJONI TAL-ASSI U INVESTIMENTI ELIĠIBBLI

Għandha tiġi żgurata diversifikazzjoni suffiċjenti fost il-klassijiet tal-assi kollha biex jonqsu r-riskji ta' investiment. Fil-prinċipju, aktar ma assi jkun riskjuż jew inqas ma jkun likwidu, jenħtieġ li inqas tkun ikkonċentrata l-iskopertura.

L-iskopertura għall-klassijiet tal-assi differenti tista' tinkiseb ukoll permezz ta' investimenti f'impriżi ta' investiment kollettiv jew fi prodotti negozjati fil-borża.

L-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar għandhom ikunu investiti biss f'dawn li ġejjin:

(a) assi tas-suq monetarju ddenominati f'euro;

(b) titoli b'introjtu fiss; u

(c) investimenti kollettivi regolati f'dejn u ekwità.

L-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar għandhom jiksbu skopertura għall-klassijiet tal-assi msemmija fis-subparagrafu preċedenti permezz ta' investiment fl-istrumenti li ġejjin jew b'involviment fl-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) depożiti;

(b) strumenti tas-suq monetarju u fondi tas-suq monetarju li joffru likwidità ta' kuljum, kif regolati bir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(c) strumenti ta' dejn, bħal bonds, kambjali tat-teżor u obbligazzjonijiet, u strumenti titolizzati skont il-kriterji sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(d) impriżi ta' investiment kollettiv koperti mid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li jinkludu fondi negozjati fil-borża li jinvestu f'ekwità jew fi strumenti ta' dejn fejn it-telf massimu ma jistax jaqbeż l-ammonti investiti;

(e) ftehimiet ta' riakkwist f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 212(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (ir-"Regolament Finanzjarju");

(f) ftehimiet ta' riakkwist invers;

(g) operazzjonijiet ta' self ta' titoli b'sistemi tal-ikklirjar rikonoxxuti bħal Clearstream u Euroclear, jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin li jispeċjalizzaw f'dan it-tip ta' operazzjoni.

Derivattivi, fil-forma ta' kuntratti forward u tal-futuri u swaps, għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' mmaniġġjar effiċjenti tal-portafoll u mhux għal skopijiet ta' spekulazzjoni jew ingranaġġ ta' pożizzjonijiet. Dawn id-derivattivi jistgħu jintużaw għall-aġġustament tad-durata, għall-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu jew ta' riskji rilevanti oħra jew għal bidliet fl-allokazzjoni tal-assi b'mod konsistenti mal-politika ta' investiment.

L-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar jistgħu jiġu investiti f'bonds likwidi ħafna denominati f'dollari Amerikani maħruġa minn entitajiet sovrani u supranazzjonali unikament għall-finijiet ta' diversifikazzjoni u skopertura għal kurva ta' rata tal-imgħax oħra. Kwalunkwe riskju tal-kambju għandu jiġi ħħeġġjat billi jintużaw kif xieraq swaps jew strumenti oħra għal iħħeġġjar tas-suq tal-muniti barranin, kif speċifikat fis-subparagrafu preċedenti.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

([3]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (riformulazzjoni) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([4]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r- Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Il-Kummissjoni tista', bil-qbil tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà, tkabbar il-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti eliġibbli biex tinkludi klassijiet tal-assi u operazzjonijiet tal-investiment oħra konsistenti mal-istrateġija u mal-objettivi tal-investiment, kif ukoll muniti ta' ekonomiji avvanzati oħra, kif elenkati minn żmien għal żmien mill-Fond Monetarju Internazzjonali u soġġetti għall-iħħeġġjar tar-riskju tal-kambju. Kull deċiżjoni dwar l-inklużjoni ta' klassijiet tal-assi, operazzjonijiet tal-investiment jew muniti ta' ekonomiji avvanzati ġodda għandha tkun sostnuta minn ġustifikazzjoni sostanzjata għal kull klassi tal-assi, operazzjoni jew munita, dwar kif it-tkabbir tal-possibbiltajiet tal-investiment ser itejjeb il-prestazzjoni tar-riskju/redditu tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Din il-ġustifikazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-kapaċitajiet operazzjonali meħtieġa biex jiġu appoġġati dawn il-possibbiltajiet ġodda ta' investiment.

4. KUNSIDERAZZJONIJIET AMBJENTALI, SOĊJALI, TA' GOVERNANZA U MORALI

Għandhom japplikaw il-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG, *environmental, social and governance*) li ġejjin:

(a) l-investimenti tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, tal-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar għandhom jiġu implimentati skont l-objettiv ta' politika tal-Unjoni li trawwem il-finanzjament sostenibbli u l-ġustizzja soċjali sa fejn ikun konsistenti mal-preservazzjoni tal-kapital tal-assi;

(b) l-implimentazzjoni tal-politika tal-investiment għandha tikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha li tippromwovi strumenti finanzjarji ESG u għandha tirrispetta l-istandards, is-sistemi, il-kriterji u l-proċessi rilevanti stabbiliti fil-qafas regolatorju tal-Unjoni;

(c) il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Grupp ta' Esperti Tekniċi tal-UE dwar il-Finanzjament Sostenibbli, jew is-suċċessur tiegħu, dwar l-implimentazzjoni tal-fatturi ESG fl-istrateġija tal-investiment għall-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar;

(d) il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-profil ESG tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, u tirrapporta dwaru fir-rapport annwali msemmi fil-punt 7 (Proċeduri ta' Ġestjoni).

Minħabba raġunijiet etiċi jew morali huma esklużi l-investimenti fl-attivitajiet li jidhru fil-lista li ġejja:

(a) investimenti f'titoli maħruġa minn entitajiet li, skont l-informazzjoni li jkollha l-Kummissjoni, ikunu nstabu, skont sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali, li huma involuti f'xi waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(i) attivitajiet meqjusa bħala illegali jew ipprojbiti minħabba raġunijiet etiċi jew morali fil-qafas regolatorju tal-Unjoni u skont il-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali;

(ii) attivitajiet relatati mal-iżvilupp, mal-produzzjoni u mal-kummerċ ta' munizzjon jew armi li huma pprojbiti mil-liġi internazzjonali applikabbli;

(b) investimenti f'titoli maħruġa minn impriżi li, skont l-informazzjoni li jkollha l-Kummissjoni, jiġġeneraw aktar minn 25 % tad-dħul annwali globali tagħhom mill-attivitajiet elenkati hawn taħt:

(i) attivitajiet relatati ma' logħob tal-azzard (attivitajiet relatati mal-produzzjoni, kostruzzjoni, distribuzzjoni, ipproċessar, kummerċ u mas-software);

(ii) prodotti u attivitajiet relatati mat-tabakk (produzzjoni, distribuzzjoni, ipproċessar u kummerċ);

(iii) il-kummerċ tas-sess u infrastrutturi, servizzi u media relatati.

5. TRASFERIMENT LILL-BAĠIT ĠENERALI TAL-UNJONI

Id-dħul nett mill-investimenti tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, tal-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, u d-dħul iġġenerat mill-bejgħ ta' parti mill-assi, ser jiġu impenjati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dħul iddedikat u ser jiġu ttrasferiti mill-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, mill-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar meta meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet mil-linja baġitarja diretta lejn il-programmi ta' riċerka għas-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar.

6. KONTABBILTÀ

L-amministrazzjoni tal-fondi għandha tkun spjegata fil-kontijiet annwali tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq u ppreżentati skont ir-Regoli tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni kif adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, b'kont meħud tan-natura speċifika tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Il-kontijiet ikunu approvati mill-Kummissjoni u eżaminati mill-Qorti tal-Awdituri. Il-Kummissjoni għandha tqabbad ditti esterni biex iwettqu verifika annwali tal-kontijiet tagħha.

7. PROĊEDURI TA' ĠESTJONI

Il-Kummissjoni għandha twettaq, fir-rigward tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, l-operazzjonijiet ta' ġestjoni hawn fuq imsemmija skont dawn il-linji gwida u skont ir-regoli interni u l-proċeduri fis-seħħ għall-KEFA fil-mument tax-xoljiment tagħha jew kif modifikati wara.

Kull sena l-Kummissjoni għandha tfassal rapport dettaljat dwar l-operazzjonijiet ta' ġestjoni mwettqa skont dawn il-linji gwida finanzjarji u tibagħtu lill-Istati Membri. Fir-rapport annwali, il-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-użu tal-klassijiet tal-assi differenti, dwar ir-raġunijiet għall-għażla tagħha li tinvesti fi klassijiet speċifiċi tal-assi u dwar il-prestazzjonijiet osservati f'kull klassi tal-assi.